TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 730

KAZ NRU. 780

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Sharon Spiteri

u

Swinger Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 24 ta' Gunju 1996

Chairman : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 6 ta' Lulju 1993 b'referenza ME 2/93/40 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 14 il-seduta.

Sharon Spiteri, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Ena Cremona u Swinger Ltd, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet assistita mill-Avukat Raymond Pace.

Fic-certifikat ta' temm ta' l-impieg il-Kumpanija tat bhala raguni li l-appellant inghatat transfer izda ma accettatux.
Fit-talba taghha lill-Ministru l-appellant sostniet li giet mkeccija wara li kellha argument zghir u minghajr qatt ma nghatat xi "warning".
Fl-"istatement of case" l-appellant tghid li tkecciet wara rimarka li ghamlet lill-Manager Anthony Grima li aktar tard irrepetitha lill-Principal is-Sur Farrugia b'zieda ta' rimarka ohra meta dan staqsijha x'kienet qalet. Hi sostniet li dawn ir-rimarki kienu jikkoncernaw ordnijiet u grajjiet precedenti li fihom kienet involuta ukoll salesgirl ohra, li ma kienux ta' natura li jikkostitwixxu nuqqas serju u ma kienux jiggustifikaw tkeccija.
Minn naha taghhha l-Kumpanija tikkontendi li t-tkeccija saret ghaliex l-appellant :
- ipprovokat incidenti, kontinwi u spissi, b'detriment ghat-tmexxija tal-hanut u tar-relazzjonijiet bejn l-impjegati;
- kemm il-darba ma obdietx ordnijiet moghtija lilha mis-superjuri taghha fosthom Rita Borg li spiss kienet toffendiha u tkellimha pastas ;
- inghatat diversi warnings verbali izda s-sitwazzjoni baqghet l-istess ;
- meta ntalbet tirraporta ghax-xoghol fil-hanut "Swinger", fejn originarjament bdiet tahdem, offendiet severament u kellmet baxx lid-direttur ;
- irrifjutat li tmur tahdem fil-hanut "Swinger" u ma rrappurtatx aktar ghax-xoghol.

Il-Kumpanija tirritjeni li l-appellant minflokk marret tahdem fejn mibghuta mill-Kumpanija bdiet immedjatament tahdem ma' Haros Limited u ghalhekk abbandunat il-post tax-xoghol.

It-Tribunal jirrimarka li ghalkemm sema' numru ta' xhieda, li t-traskrizzjoni ta' l-evidenza taghhom tlahhaq madwar mitejn pagna, f'hafna cirkostanzi dawn kienu konflingenti u f'ohrajn totalment opposti. Ghalhekk kien kostrett li jaghmel evalwazzjoni generali tac-cirkostanzi wara li kkunsidra serjament il-kredibbilta ta' kull xhud.

It-Tribunal ried jiddeciedi meta ezatt u f'liema cirkostanzi saret it-tkeccija. Dan biex ikun jista' jqies jekk it-terminazzjoni saretx ghax l-appellant irrifjutat transfer, kif imnizzel fic-certifikat ta' terminazzjoni ta' mpieg, inkella ghar-ragunijiet moghtija fl-"istatement of case" tal-Kumpanija li allegatament wasslu ghat-transfer, rifjut ta' dan mill-appellant u konsegwentement tkeccija.

It-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li t-tkeccija saret effetivament dak in-nhar li nqala' l-argument u li l-kwistjoni tat-transfer tqajmet sussegwentement meta missier l-appellant intervjena mas-Sur Farrugia biex izomm it-tifla fl-impieg. Biex wasal ghal-din il-konkluzjoni it-Tribunal strah l-aktar fuq ix-xhieda ta' Anthony Grima li ma gietx kontestata mill-Kumpanija u li it-Tribunal qies bhala kredibbli u fil-bicca l-kbira kompatibbli ma xhieda ta persuni ohra.

Dwar dak li sostniet il-Kumpanija fl-"istatement of case" it-Tribunal sab li ma giex ipprovat li l-appellant kienet hatja tan-nuqqasijiet elenkati. Gie pprovat izda li ghaddiet rimarka lill-Manager u rrepetitha b'xi zieda lid-Direttur xi hin wara meta mistoqsiha minnhu x'kienet qalet. Dan kien nuqqas lejn is-superjuri izda, fil-fehma tat-Tribunal, mhux ta' gravita tali li jiggustifika tkeccija.

Dwar il-kwistjoni tat-transfer it-Tribunal iqis li din qamet meta it-tkeccija kienet diga effettiva, saret b'mod ta' proposta mhix definittiva u pjuttost spekulattiva lill-missier l-appellant u ma' jirrezultax li qatt saret direttament lill-appellant. Jirrezulta wkoll li l-appellant saret taf biha izda ma kienetx lesta li tikkunsidraha.

Dwar kemm damet minghajr xoghol l-appellant it-Tribunal kellu wkoll jaghmel evalwazzjoni dwar il-kredibbilta tax-xhieda li sema' ghaliex kienu ferm konflingenti u x-xhud li l-aktar seta' jghin f'dan ir-rigward xejn ma kien kredibbli.

It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghamel gudizzju fuq dak li qalu x-xhieda u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, jiddeciedi li t-tkeccija ma saritx ghal raguni tajba û sufficjenti skond il-ligi. Izda jsib li l-appellant bin-nuqqas taghha ikkontribwiet biex inholqot sitwazzjoni fejn il-Kumpanija reaggixxiet b'mod ezagerat meta tat il-kastig estrem tat-tkeccija. L-appellant kienet determinata li ma taccettax li terga' tahdem fil-hanut "Swinger" anke kieku dan gie offrut lilha direttament.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghax fil-gudizzju tieghu it-Tribunal ma jidhirlux li l-appellant damet ma sabet xoghol, jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' Lm 240 (mitejn u erbghin lira Maltin) lill-appellant. Dan il-pagament ghandu jsir mhux aktar tard mit-31 ta Lujlu 1996.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

George Attard
Segreterju.